MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 33 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 12 ta' Marzu, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Viċi Sindku Ħal Luqa | Is-Sur Kearon Bruno |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Joseph Farrugia |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

33.1.1 Il-President qara l-apoloġiji tas-Sindki tal-Ħamrun, tal-Imqabba, ta' Birżebbuġa u ta' Ħal Għaxaq fejn taw ir-raġunijiet għaliex ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

33.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-wieħed u tletin (31) kif ukoll tat-tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

33.2.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Terence Agius, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 33.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Laqgħa Ġenerali Annwali 2020**

33.3.1 Il-President beda billi rringrazzja lil dawk is-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi li attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun li saret fid-29 ta' Frar 2020. Mill-feedback li rċieva jidher li din intlaqgħet tajjeb ħafna u kellu kummenti pożittivi dwar l-organizzazzjoni. Hu tenna li rċieva wkoll kummenti pożittivi kemm min-naħa tal-Onorevoli Dr Josè Herrera, kif ukoll mid-Diretturi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li kienu preżenti. Dawn kollha urew sodisfazzjoni għall-pożittività li nnutaw bejn il-Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun. Il-President wiegħed li se jkompli jaħdem biex din il-pożittività tkompli tissaħħah għax b'hekk jista' jkollna kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti kollha. Hu talab lill-Membri biex huma wkoll ikomplu jiġbdu ħabel wieħed flimkien ħalli dak li nkiseb bil-kontribut ta' kulħadd ikompli jissaħħah fil-ġejjieni.

**- Festa Nar 2020**

33.3.2 Il-President informa li fiċ-ċirkustanzi li jinsab għaddej minnhom il-pajjiż fil-preżent minħabba l-Covid-19, irridu naraw kif se tkun qed tiżviluppa s-sitwazzjoni. Għalissa nħallu kollox kif inhu, imma jekk nirċievu xi direttiva mill-awtoritajiet, jew inkella naraw li l-kontroll tal-imxija ta' dan il-virus se jkun qed jieħu aktar fit-tul milli mistenni, jkollna mmexxu d-data għal aktar tard. F'din iċ-ċirkustanza rridu nimxu ġurnata b'ġurnata.

**- Differiment tas-Seduti tat-Tribunal Lokali**

33.3.3 Il-President informa li s-seduti fit-Tribunal Lokali qed ikunu kkaratterizzati minn tensjoni fost il-pubbliku preżenti minħabba l-Covid-19 għar-raġuni li jkun hawn numru ta' persuni jistennew f'post ristrett għal ħin konsiderevoli. Dan qed joħloq stress anke fost l-istaff tar-Reġjun kif ukoll fuq l-uffiċjal tal-pulizija li jintbagħat fuq il-post biex iżomm l-ordni. Aktar kmieni din il-ġimgħa esperjenzajna inċident fejn kien hawn persuna li bdiet tqaħqaħ fil-post tal-istennija u ħolqot kommossjoni fost dawk preżenti. Aħna ktibna lis-Sur Ray Zammit fejn tlabna li s-seduti kollha li jmiss fil-qarib jiġu differiti sakemm is-sitwazzjoni titjieb. Dan jeħtieġ li jsir anke sabiex tiġi kkontrollata l-imxija ta' dan il-virus. Għalkemm ir-Reġjun għandu l-appoġġ tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għadu ma rċieva l-ebda direzzjoni min-naħa tal-awtoritajiet. Hu talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti biex jekk ma tkunx laħqet ittieħdet deċiżjoni sal-aħħar tal-ġimgħa, ir-Reġjun iwaqqaf is-seduti hu.

33.3.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw il-proposta tal-President.

**- Serata Kommemorattiva - Mertu Siġġiewi 2020**

33.3.5 Il-President faħħar lis-Sindku u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għall-mod professjonali li bih organizza s-Serata Kommemorattiva ta' Mertu Siġġiewi fit-8 ta' Marzu 2020. Hu qal li meta jiġi mistieden għal attivitajiet ta' livell għoli bħal ma kienet din is-serata jħossu kburi li hu l-President ta' dan ir-Reġjun. Il-President wera d-diżappunt tiegħu li l-attendenza tas-Sindki kienet fqira minkejja li dawn ġew mistednin kollha, u dejjem ikun hemm preżenti l-istess ftit persuni. Hu ħeġġeġ lill-Membri preżenti biex ikun hemm aktar parteċipazzjoni f'attivitajiet bħal dawn.

**- Tkabbir tal-Uffiċċju Amministrattiv**

33.3.6 Il-President ħabbar li wara ġimgħat ta' diskussjonijiet mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, ir-Reġjun irnexxielu jakkwista s-sular ta' fuq tal-binja tal-Uffiċċju Amministrattiv biex issa se jkollu żewġ sulari li jkunu jinkludu t-Tribunal Lokali, uffiċini għall-istaff u għal servizzi professjonali, board room u sala għall-konferenzi. Is-sular ta' fuq kien jintuża bħala stores mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u ilu żmien ma jsirlu manutenzjoni. Biex il-post jiġi modifikat hemm bżonn isiru ftit xogħlijiet mhux ħażin u se nibdew billi tinħareġ sejħa għal perit. Il-President aċċerta lill-Membri li dan ix-xogħol kien maħsub fl-estimi annwali u ħsibna biex ikun hemm fondi għalih. Għaldaqstant mhux se jaffettwa l-iskemi li kien hemm imwegħdin lill-Kunsilli Lokali. Barra minn hekk, qed nistennew xi ħlas ta' spejjeż marbuta mat-Tribunal Lokali li akkumulaw matul is-snin li għandhom jiġu mill-Aġenzija LESA.

**- Għajnuna Professjonali lill-Kunsilli Lokali biex jibbenefikaw minn programmi tal-UE**

33.3.7 Il-President informa li fil-jiem li għaddew ir-Reġjun ikkuntattja lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej Dr Stefan Zrinzo Azzopardi biex nagħmlu laqgħa miegħu ħalli naraw kif nistgħu naħdmu b'mod konġunt ħalli nkunu nistgħu noffru l-aqwa assistenza possibbli lill-Kunsilli Lokali tagħna biex jibbenefikaw u jimmaniġġjaw b'suċċess programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Dr Zrinzo Azzopardi rrispondiena fi żmien qair u wegħedna li se jqabbad lill-Kap tas-Segretarjat biex jikkoordina laqgħa magħna.

**- Mistoqsijiet, Suġġerimenti u Kummenti**

33.3.8 Waqt il-ħin allokat għall-kummenti, id-Deputat President is-Sur David Michael Schembri faħħar lill-President u lil dawk kollha involuti għall-mod kif ġiet organizzata l-Laqgħa Ġenerali Annwali għax kienet ta' livell għoli minn kull aspett.

33.3.9 Il-President irringrazzja lid-Deputat President tal-kummenti sbieħ u qal li meta jkun hemm ħidma kollettiva minn tim li jaħdem magħqud ikollok riżultati pożittivi. Hu ħass li kellu jirringrazzja wkoll lill-istaff kollu tal-kontribut siewi tiegħu fejn jaħdem qatigħ biex kollox jimxi ħarir.

## 33.4 Skeda ta' Pagamenti;

33.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/20A-1 u 03/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

33.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Renald Falzon, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 33.5 Segwitu tal-Laqgħa mad-Direttorat għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni

33.5.1 Il-President informa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun attendew għal-laqgħa msejħa mid-Direttorat għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. L-enfasi ta' din il-laqgħa ingħata lill-istudju tal-impatt soċjali fir-Reġjun. Ir-Reġjuni kollha se jkunu qed jaħdmu flimkien biex jiġu mfassla kriterji li fuqhom se jkun qed jiffoka dan l-istudju. Min-naħa tiegħu, Reġjun Nofsinhar se jkun qed iżur il-Kunsilli Lokali kollha fi ħdanu biex jindikawlna l-punti li l-aktar jolqtu l-lokalità tagħhom. Il-President ħabbar ukoll li ġejna informati mid-Direttur li hemm fondi disponibbli għall-Kunsilli Reġjonali li jistgħu jintużaw fi ħlas ta' xogħol ta' servizzi professjonali u servizzi oħra. Fuq dan ir-rigward għandu jkun hemm aktar diskussjonijiet aktar 'il quddiem.

## 33.6 Skema ta' Għajnuna għal Attivitajiet fil-Lokalità

33.6.1 Il-President irrimarka li din l-iskema ġiet ippjanata ftit qabel ma ġiet iffaċċjata l-isfida tal-Covid-19 f'pajjiżna. Fid-dawl ta' struzzjonijiet li qed joħorġu mill-awtoritajiet biex għalissa jiġu mħassra attivitajiet tal-massa, ma jħossx li hu għaqli li f'din il-laqgħa tiġi diskussa din l-iskema. Hu wiegħed li din l-iskema xorta toħroġ aktar 'il quddiem u jekk ikun possibbli jara hemmx lok li l-għajnuna tiżdied. Għalhekk il-President ippropona li tali skema tiġi posposta għal laqgħa oħra kemm-il darba toħroġ direttiva li jistgħu jerġgħu jibdew isiru attivitajiet tal-massa.

33.6.2 Il-Membri preżenti unanimament qablu mal-President u approvaw il-proposta tiegħu.

## 33.7 Affarijiet Oħra;

**- Progressjoni fis-salarji tal-istaff**

33.7.1 Is-Segretarju informa li se jressaq dokument li juri li s-Sa Maria Aquilina jmissha titla skala skont il-ftehim kollettiv u għandu bżonn l-approvazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Reġjonali.

33.7.2 Il-President talab li jkun skużat għal din il-parti tal-laqgħa biex id-deċiżjoni tkun etikament korretta għar-raġuni li s-Sa Aquilina hi membru tal-familja tiegħu. Hu ħareġ mill-kamra biex iħalli lill-Membri jiddiskutu liberament u joħorġu bid-deċiżjoni tagħhom.

33.7.3 Il-Segretarju Eżekuttiv ressaq dokument li juri li s-Sa Maria Aquilina li taħdem bħala Assistent Prinċipali fir-Reġjun, f'Mejju li ġej ikun imissha titla skala fis-salarju tagħha skont il-ftehim kollettiv. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri preżenti li f'Mejju hu wkoll ikun ilu sena jaħdem f'din il-kariga mal-Kunsill Reġjonali u jkun imissu jitla' notch fis-salarju tiegħu.

33.7.4 Fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Renald Falzon u ssekondata mis-Sur David Michael Schembri, il-Kunsill Reġjonali unanimament approva l-bdil fis-salarji tal-persuni msemmija.

33.7.5 Il-President ingħata sinjal li jista' jerġa jidħol fil-kamra u l-laqgħa kompliet.

**- Quarterly Financial Report Jan-Dec 2019**

33.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Quarterly Financial Report li jkopri minn Jannar sa Diċembru tal-2019. Dan kien ġie iċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

33.7.7 Is-Segretarju spjega r-rapport finanzjarju u informa li dan se jkun qed jittella' online biex ikun aċċessibbli għall-pubbliku skont il-proċeduri.

33.7.8 Il-membri preżenti unanimament approvaw il-Quarterly Financial Report Jan-Dec 2019.

## 30.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

30.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.52 pm u ġiet aġġornata sine die minħabba ċ-ċirkostanzi li l-pajjiż jinsab għaddej minnhom fil-preżent.

Konfermati llum _____________________.

Jesmond Aquilina — Philip Carabott

President — Segretarju Eżekuttiv